# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 1115/17/1 RGM**

**Alexander Schembri; Arthur Rizzo; Manuel Saliba; Anthony Portelli; George Polidano; Lambert Zammit; Gordon Calleja; Kevin Vella; Jason Gilson; Gordon Borg; Oliver Cassar; Ivan Caruana; Joseph Zammit; Noel Apap; Mario Fenech; Stefan Decelis; Norman Xuereb; Geoffrey McCarthy; Oliver Vella; Joyce Bonello; Nicolette Attard; Alexandra Galea Sillato; Steve Bezzina u Andrew Kelly.**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija; Ministru tal-Intern u Sigurtà Nazzjonali Bord tal-Pulizja (Appelli); L-Onorevoli Prim Ministru**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-atturi mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fis-27 ta' Settembru 2023 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ewwel parti tal-ħames talba tressqu wara li kienu għaddew is-sitt xhur li jissemmew f'Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

2. Il-fatti fil-qosor huma dawn:

i. L-atturi kienu surġenti fil-korp tal-pulizija.

ii. Fl-4 ta' Settembru 2013 il-Kummissarju tal-Pulizja ħareġ sejħa għall-kariga ta' Surġent Maġġuri tal-ewwel u tieni klassi. B'dik id-data ħarġu sewġ sejħiet. Waħda minnhom kienet tgħid li tingħata konsiderazzjoni lil dawk li għandhom ukoll *"esperjenza ta' xogħol u ppruvata"* (numru 61/2013). Fl-oħra dik il-kundizzjoni ma tissemmiex. Ċirkolari li kellha l-istess numru u data bħall-oħra.

iii. Bejn it-8 u 10 ta' Ottubru 2013 saru l-intervisti lill-applikanti.

iv. Fit-13 ta' Novembru 2013 ħareġ avviż fuq is-sistema interna tal-korp u fih jissemmew tlettax-il pulizija li fil-15 ta' Novembru 2013

kellhom jattendu fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija sabiex jingħataw il-kariga ġdida ta' surġent maġġuri. Ħadd mill-atturi ma kien f'dik il-lista.

v. Fis-sena 2014 twaqqfet *grievances unit* sabiex tistħarreġ ilmenti ta' impjegati pubbliċi li jsostnu li saret inġustizzja magħhom. Wara l-istħarriġ il-*unit* kellha tagħmel rakkomandazzjoni. F'dan ir-rigward kienet ħarġet ċirkolari mill-uffiċċju tal-Prim Ministru (numru 4/2014 u datata 5 ta' Frar 2014). Imbagħad b'ċirkolari 7/2014 kien hemm estensjoni taż-żmien. Sussegwetement, b'ċirkolari 20/2014 datata 25 ta' Settembru 2014 saret it-tieni sejħa għall-ilmenti. Fiċ-ċirkolari jingħad li l-ilment lill-*grievances unit* kellu jsir sal-31 ta' Ottubru 2014.

vi. Fil-5 ta' Mejju 2016 deher messaġġ fuq is-sistema interna tal-korp, b'avviż li fis-6 ta' Mejju 2016 t-tmien uffiċjali li kellhom jissemmew kellhom imorru l-kwartieri sabiex jingħataw il-kariga ta' Surġent Maġġuri. Irriżulta li dawk il-promozzjonijiet ingħataw wara li dawk il-persuni kienu ilmentaw lill-*grievances unit*. Ħadd mill-atturi ma jissemma fl-imsemmi avviż.

vii. Ħadd mill-atturi m'għamel ilment lill-*grievances unit*.

viii. Fit-13 ta' Marzu 2017 l-atturi ippreżentaw rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (412/2017) sabiex ma jinbediex jew jissokta

proċess għall-ħatra ta' surġenti maġġuri fil-korp tal-pulizija. B'digriet mogħti fid-29 ta' Marzu 2017 il-Qorti ċaħdet it-talba. Fih spjegaw l-ilment tagħhom b'riferenza għall-promozzjonijiet li ngħataw f'Novembru 2013 u Mejju 2016.

ix. Fit-12 ta' Diċembru 2017 l-atturi fetħu l-kawża u ilmentaw li l-proċess tal-għażla li sar fis-sena 2013 kien vizjat u li mbagħad il-Kummissarju tal-Pulizija kien iddiskrimina kontrihom meta offra biss rimedju lil wħud mill-uffiċjali li kienu applikaw għal dik il-kariga.

3. Fir-rikors maħluf l-atturi talbu:

> *"01) Tiddikjara li l-process tal-ghazla fuq referit, u cioe' dak mill-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, u li permezz tieghu l-istess intimat, Kummissarju tal-Pulzija, ghazel xi uhud mill-applikanti sabiex jilhqu Surgenti Magguri ghad-detriment tar-rikorrenti, huwa vvizzjat u dan ghar-ragunijiet fuq esposti kif ukoll ghar-ragunijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz, li jigu specifikati waqt t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*
>
> *02) Tiddikjara li l-intimat, Kummissarju tal-Pulzija, wettaq ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti meta ddiskrimina kontra taghhom meta offra rimedju lil uhud mill-applikanti ghas-sejha ghall-mili tal-postijiet fuq msemmija ad insaputa tar-rikorrenti, u mhux lir-rikorrenti;*
>
> *03) Tiddikjara li bhala rizultat dirett tal-agir tal-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, r-rikorenti soffrew ingustizzja u diskiminazzjoni fil-konfront taghhom billi gew mcahhda mid-dritt li ghandhom li jigu ttrattati bl-istess mod li gew trattati l-applikanti l-ohra ghas-sejha ghall-mili tal-postijiet fuq imsemmija;*
>
> *04) Tordna lill-intimati jew min minhom sabiex jiehdu l-passi kollha idoneji sabiex l-ingustizzja li twettqet fil-konfront taghhom tigi rrimedjata mill-aktar fis possibbli u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;*
>
> *05) Tiddikjara li minhabba d-dewmien kemm sabiex jigi mitmum l-process tal-ghazla fuq msemmi, kif ukoll minhabba d-dewmien sabiex*

*jigi deciz l-ilment li r-rikorrenti ghamlu quddiem il-Police Board, kif gja kostitwit, ir-rikorrenti soffrew danni, ghal liema danni kienu responabbli unikament l-intimati, jew min minnhom;*

*06) Tiddikjara li kawza t'hekk ir-rikorrenti soffrew u qed isoffru danni ngenti li jirrizultaw f'telf fil-pożizzjonijiet taghhom fil-korp tal-Pulizija (order of seniority), telf kemm fl-introjtu taghhom, f'termini ta' paga kif ukoll f'termini ta' pensjoni li jkollhom diritt ghaliha meta jaslu biex jitilqu mill-Korp tal-Pulizija jew li ghandhom dritt ghaliha prezentement;*

*07) Tiddikjara li ghal dawn d-danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom;*

*08) Tillikwida d-danni hekk sofferi mir-rikorrenti kawza tal-fatti fuq riferiti u kawza ghall-fatt li l-ilment taghhom quddiem l-Police Board ghadu sallum ma giex deciz, liema stat ta' fatt jirrizula f'telf ta' seniority u li jikkonsisti fost affarijiet ohra, f'telf ta' introjtu kemm odjernement, kif ukoll fil-passat minn mindu kellhom dritt li jinhatru fil-post imsemmi taht il-forma ta' lucrum cessans, kif ukoll f'telf ta' pensjoni potenzjalment pagabbli lir-rikorrenti;*

*09) Tordna lill-intimati, jew min minnhom sabiex jhallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;*

4. Il-konvenuti, ħlief għall-Bord tal-Pulizija, wieġbu. Fit-tweġiba l-konvenuti ma qalux li l-atturi naqsu milli jiftħu l-kawża fi żmien sitt xhur skont ma jgħid l-Art. 469A(4) tal-Kap. 12.

5. Bis-sentenza tas-27 ta' Settembru 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"**Decide***

*Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,*

*1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti kollha huma leġittimi kontraditturi;*

*2. **Tiddikjara** li l-azzjoni promossa mill-atturi hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.*

> *3. **Tiddikjara** l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ewwel parti tal-ħames talba fejn ġie allegat dewmien sabiex jiġi mitmum il-proċess tal-għażla għal surġenti maġġuri bħala irritwali u nulli in kwantu mressqa oltre t-terminu perentorju ta' sitt xhur kontemplat fis-sub inċiż numru 3 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *4. **Tiċħad** it-tieni parti tal-ħames talba attriċi fejn ġie allegat dewmien mill-Independent Police Complaints Board, in kwantu la ġie ppruvat li kien hemm dewmien u lanqas li kien hemm xi danni konsegwenzjali.*
>
> *5. **Tiċħad** il-kumplament tat-talbiet attriċi in kwantu huma talbiet konsegwenzjali għat-talbiet attriċi preċedenti.*
>
> *6. **Bla preġudizzju** għall-kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-atturi.*
>
> ***Bl-ispejjeż** a karigu tal-atturi b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*."

6. Fis-16 ta' Ottubru 2023 l-atturi appellaw mis-sentenza. Fir-rikors tal-appell l-atturi talbu hekk:

> *".... jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tilqa' dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet premessi, u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponenti u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati"*.

7. B'digriet mogħti fl-24 ta' Lulju 2024 din il-Qorti tat lill-atturi żmien sabiex jirregolaw ruħhom. Fil-fatt fit-30 ta' Lulju 2024 ippreżentaw rikors u talbu sabiex fl-aħħar paragrafu tar-rikors tal-appell il-kliem, *"u tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponenti u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati"* jiġu sostitwiti bil-kliem *"u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet imressqa mill-esponenti u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonjiet kollha*

*tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellati"*. L-intimati wieġbu u ddikjaraw li dwar dik it-talba ser joqgħodu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

8. Fit-2 ta' Novembru 2023 il-konvenuti ippreżentaw tweġiba għar-rikors tal-appell u taw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet. B'mod preliminari għamlu referenza għall-iżball fir-rikors tal-appell li ssemma hawn fuq. Madankollu dik il-kwistjoni hi llum eżawrita bil-korrezzjoni li awtorizzat din il-Qorti bid-digriet li tat fit-12 ta' Awwissu, 2024 u li bih laqgħet it-talba sabiex issir il-korrezzjoni mitluba fir-rikors tal-appell. Fit-tweġiba l-konvenuti għamlu wkoll l-argumenti tagħhom b'referenza għat-teżi tal-atturi li s-sitt xhur li jissemmew fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma setgħu qatt jiddekorru għaliex isostnu li l-egħmil amministrattiv kien għadu mhux komplut.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

9. Wara s-sentenza tal-Ewwel Qorti m'hemmx kontestazzjoni li l-azzjoni tal-atturi hi dik kontemplata fl-Art. 469A tal-Kap. 12 għal stħarriġ ta' egħmil amministrattiv.

10. Fl-aggravju l-ilment tal-atturi hu li s-sitt xhur ma bdewx jiddekorru għaliex *"14..... l-egħmil amministrattiv mhux komplut stante illi l-order of*

*merits qatt ma ġiet pubblikata jew mgħarfa lill-appellanti"*. Għalkemm ix-xhud l-ispettur Jurgen Vella xehed li l-promozzjonijiet ingħataw skont l-*order of merit*, din baqgħet qatt ma ġiet pubblikata u kien biss waqt il-kawża li ġiet preżentata mix-xhud. Isostnu li kien wara d-depożizzjoni tax-xhud li saru jafu li persuni li ġew fit-tmenin post ħadu l-kariga u l-atturi, li l-maġġoranza tagħhom ġew klassifikati qabel, baqgħu b'xejn. Għalhekk jinsistu li t-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur ma bediex jiddekorri, u għandu jiddekorri *"24.... meta tiġi pubblikata uffiċjalment l-order of merit in linea mar-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet"*.

11. Skont l-Art. 469A(3) tal-Kap. 12 il-kawża għandha ssir fi żmien *"....sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv"*.

12. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti *inter alia* qalet:

> *"89. Jidher li l-azzjoni attriċi tinkwadra ruħha waħda jew aktar mis-sub-inċiżi tal-Artikolu 469A (1) (b) u li għalih it-tielet sub-artikolu fuq kwotat huwa applikabbli.*
>
> *90. Huwa ormai stabbilit ukoll li t-terminu tas-sitt xhur li jirreferi għalih l-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 huwa wieħed ta' dekadenza u ċioe dan it-terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni.*[1] *Is-sitt xhur jibdew jiddekorru minn meta l-persuna interessata isir taf jew setgħet isir taf b'dak l-egħmil amministrattiv impunjat. Ġie ritenut fis-sentenza* ***Mizzi Antiques Ltd vs. Ic-Chairman tal-Malta Enterprise et*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Jannar 2019 li:*

[1] Ara fost oħrajn **Dr. Antoinette Cutajar vs. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 2018.

> *"11. Din il-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu fis-sub-inċiż (2) tiegħu jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali."*

*Fil-każ de quo t-terminu ta' sitt xhur beda għaddej minn dakinhar li l-atturi saru jafu jew setgħu jsiru jafu b'dak l-għemil li qegħdin ifittxu li jwaqqgħu bl-azzjoni tal-lum, liema data tiġi l-ewwel. F'dan ir-rigward il-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi lanqas ma tgħid li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni*[2]*. Però din il-Qorti tqis illi jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari persuna kellha tiġi mgħarfa b'deċizzjoni tal-awtorita' pubblika it-terminu perentorju ta' sitt xhur jibda jiddekorri mill-jum li fih tiġi hekk mgħarrfa.*

*89. Fil-każ odjern l-atturi qegħdin jimpunjaw id-deċiżżjoni ta' l-ewwel promozzjonijiet għal surġenti maġġuri li seħħet f'Novembru 2013 kif ukoll it-tieni deċiżżjoni dwar promozzjonijiet għal surġenti maġġuri li seħħet f'Mejju 2016,* ***żewġ deċiżżjonijiet dwar promozzjonijiet hawn impunjati li l-atturi saru jafu dwarhom permezz ta' messaġġ fin-National Police System (NPS) u dan kif ippremettew huma stess fil-premessi K u N tar-rikors promotur.***

*90.* ***Dwar l-ewwel deċiżżjoni l-atturi ġew informati flimkien mal-membri kollha tal-membri tal-korp tal-pulizija permezz ta' ċirkolari mibgħuta fit-2 ta' Ottubru, 2013*[3]*, filwaqt li dwar it-tieni deċiżżjoni impunjata l-atturi ġew informati flimkien mal-membri kollha tal-korp permezz ta' ċirkolari mibgħuta fil-5 ta' Mejju, 2016.*** *Il-kawża odjerna ġiet intavolat f'Diċembru 2017, aktar minn tlett snin wara li kien skada it-terminu imsemmi ta' sitt xhur fir-rigward tal-ewwel promozzjoni u aktar minn sena wara li kien skada it-terminu imsemmi ta' sitt xhur fir-rigward tat-tieni lott ta' promozzjonijiet.*

*91. Ir-rimedju quddiem il-Grievances Unit li kien disponibbli għall-applikanti kollha bis-saħħa taċ-ċirkulara 4/2014 u 9/2014 maħruġa*

---

[2] **Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Ġunju 2003;

[3] Ara Dok C a fol. 15 tal-proċess

*mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru iġibu d-dati ta' Frar u Marzu 2014. Iċ-ċirkulari Nru 20/2014, li jidher li qatt ma ġiet ċċirkulata mal-Korp tal-Pulizija, ħarġet f'Settembru 2014 u li allegatament ġiet a konjizzjoni tal-atturi meta seħħ it-tieni lott ta' promozzjoniiet u ċioe Mejju 2016 u dan anke kif jirriżulta mill-affidavit ta' Alexander Schembri fejn spjega li huma għamlu l-ilment tagħhom rigwardanti din id-diskriminazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Public Service Commission fil-11 ta' Mejju 2016. Huwa għalhekk evidenti li l-perjodu tas-sitt xhur imsemmija fit-tielet sub-artikolu kien għadda wkoll dwar dan l-ilment.*

*92. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li biex azzjoni ġudizzjarja tkun valida teħtieg li din tissodisfa r-rekwiżiti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta' konformita` ma' dawn ir-rekwiżiti jġib in-nullita` tal-istess att. It-termini proċedurali huma termini li jolqtu ż-żmien li fih att ġudizzjarju għandu jiġi ppreżentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jiġix ippreżentat fi żmien preskritt, irrispettivament jekk il-konvenut jissollevax l-irritwalita' tal-att. Il-ġurisprudenza hija ċara li t-terminu li fih tista' titressaq l-azzjoni ta' stharrig ġudizzjarju huwa wieħed perentorju li ma jistax jiġi mtawwal anke jekk jaqblu l-partijiet. Mod ieħor, il-partijiet ma għandhomx il-fakolta' li jinnewtralizzaw it-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit tassattivament bis-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A. ( ara* ***Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti) et.*** *- Qorti tal-Appell - 24 ta' April, 2015;* ***Fairbet Limited et. v. Malta Gaming Authority -*** *Qorti tal-Appell - 4 ta' Mejju, 2022;* ***Joshue Agius v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta*** *- Qorti tal-Appell - 16 ta' Marzu, 2023).*

*93. Illi għalkemm l-atturi baqgħu sal-aħħar jinsistu illi l-azzjoni minnhom promossa ma hiex imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u li allura ma japplikax it-terminu perentorju ta' dekadenza stabbilit b'dan l-artikolu tal-liġi; dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi stabbilit li l-azzjoni promossa mill-atturi tista' biss titqies fit-termini tal-Artikolu 469A, l-azzjoni hija irritwali peress li ġiet intavolata oltre t-terminu perentorju stabbilit bis-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*94.* ***Konsegwentement il-Qorti qed tiddikjara u tiddeċiedi illi l-azzjoni attriċi safejn tirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attriċi hija irritwali u nulla in kwantu intavolata b'nuqqas ta' konformita' mas-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.***

13. Il-Qorti tosserva li f'Novembru 2013 l-atturi kienu jafu min ingħata l-promozzjoni. Rajna li l-ismijiet tal-persuni li ssejħu biex jingħataw il-promozzjoni kienu pubblikati fuq is-sistema interna tal-pulizija (NPS, *National Police System*), li l-Qorti fehmet li kull uffiċjal għandu aċċess

għaliha. Fil-kawża xehdu għaxra mill-atturi li ppreżentaw affidavit fis-16 ta' Ottubru 2018. L-affidavits huma fil-parti l-kbira tagħhom *copy u paste* ta' dak li xehed ħaddieħor. Minnhom jirriżulta li kienu diżappuntati li ma ngħatawx il-promozzjoni għaliex kienu tal-fehma li jimmeritahom iktar minn xi kollegi li ngħataw il-promozzjoni. Fil-fatt l-atturi Alexander Schembri, Nicholette Attard, u Gordon Calleja qalu li meta kienu raw min ingħata l-promozzjoni, kienu ixxukjati għaliex uħud minn dawk li ngħataw il-promozzjoni kienu saru surġenti warajhom. Dan fih innifsu jikkonferma li l-atturi kienu jafu min ħa l-promozzjoni.

14. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi argumentaw li:-

i. Il-provi juru li l-proċess tal-għażla kien vizjat mill-bidunett għaliex fl-istess ġurnata ħarġu żewġ sejħiet b'kundizzjonijiet differenti. Però dan il-fatt kien magħruf għall-atturi mill-bidunett tas-sejħa, u fi kliemhom *"27..... Dan il-fatt mill-ewwel jixgħel bozza ħamra fuq il-proċess kollu ......."*.

ii. Qatt ma ġiet preżentata l-*order of merit* meta l-prassi hi li tiġi preżentata. Il-Qorti tosserva li m'hemmx prova li x'aktarx il-prassi kienet li l-kandidati jirċievu tagħrif dwar kif kull kandidat ikklasifika fl-eżerċizzju li sar u l-marki li kull wieħed ingħata. *Inoltre*, il-Qorti diġà osservat li m'hemmx prova li l-atturi talbu lill-Kummissarju tal-Pulizija li

jingħataw dik li jirreferu għaliha bħala l-*order of merit*. Dan apparti l-fatt li mill-provi rriżulta wkoll li dawk li ngħataw il-promozzjoni ikklasifikaw qabel l-atturi (ara depożizzjoni tal-ispettur Jurgen Vella u d-dokument li ippreżenta l-prokuratur legali Peter Paul Zammit li kien il-Kummissarju tal-Pulizija).

15. L-istess raġunament isir fir-rigward tal-ilment tal-atturi li bħala fatt ma kinux infurmati x'kienu l-kriterji li fuqhom il-kandidati ngħataw il-marki (ara paragrafu I tar-rikors maħluf). Però dan kien magħruf sa minn dak iż-żmien li saru l-intervisti u ħareġ l-avviż bl-ismijiet tas-surġenti li ngħataw il-promozzjoni. Għalhekk ma kien hemm xejn x'iżomm lill-atturi milli jressqu l-ilment fit-terminu kontemplat mil-liġi jekk jippretendu li l-kriterji li fuqhom ingħataw il-marki kellhom jiġu avżati lill-kandidati minn qabel.

16. Ladarba l-atturi kienu tal-fehma li saru irregolaritajiet fil-proċess tal-għażla u għalhekk kien ivviżjat, ma kien hemm xejn x'iżommhom milli jiftħu l-kawża fit-terminu ta' sitt xhur minn meta ngħataw il-promozzjonijiet lil tlettax-il surġent. Madankollu, kien biss fit-12 ta' Diċembru 2017 li l-atturi fetħu l-kawża.

17. Fir-rikors tal-appell l-atturi jostnu li l-*order of merit* hu rekwiżit essenzjali sabiex l-att amministrattiv ikun komplut. Irrispettivament kienx

pubblikat ir-riżultat bil-mod li jippretendu l-atturi, kienu jafu min kienu l-persuni li ngħataw il-promozzjoni mill-kariga ta' surġent għal dik ta' surġent maġġuri. Lanqas ma jirriżulta li fiż-żmien meta ħareġ l-avviż dwar min kien ser jingħata l-promozzjoni, l-atturi talbu sabiex jingħataw dettalji dwar ir-riżultat tal-intervisti li kienu saru. Kuntrarjament għal dak li jsostnu l-atturi, l-att amministrattiv ingħalaq mal-għoti tal-promozzjoni fil-kariga ta' surġent maġġuri lill-kandidati li jissemmew fil-messaġġ pubblikat fit-13 ta' Novembru 2013. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-atturi li, *"20....... l-att amministrattiv ma seta' qatt jiġi komplut mingħajr l-pubblikazzjoni ta' din il-lista"*. Għalhekk żgur li minn dakinhar l-atturi setgħu jimpunjaw il-promozzjoni li ngħataw il-kollegi tagħhom billi jiftħu kawża għal stħarriġ tal-egħmil amministrattiv taħt Art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

18. Jifdal imbagħad il-promozzjonijiet li ngħataw fid-9 ta' Mejju 2016. B'kollox kien hemm sitt surġenti. Mhuwiex kontestat li dawn il-promozzjonijiet ingħataw wara li sar ilment lill-*grievances unit*. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għaċ-ċirkolari 4/2014 datata 5 ta' Frar 2014 li biha saret l-ewwel sejħa għall-ilment quddiem il-*grievances unit*, ċirkolari 7/2014 li biha ġie estiż it-terminu għall-preżentata tal-ilment sal-21 ta' Marzu 2014, kif ukoll ċirkolari 20/2014 datata 25 ta' Settembru 2014 li biha saret it-tieni sejħa. Miċ-ċirkolari hu ċar li l-*grievances unit* kienet twaqqfet sabiex jitressqu quddiemha ilmenti minn uffiċjali pubbliċi li

jħossuhom li sofrew inġustizzja, u f'każ li t-talba tirriżulta ġustifikata, il-*grievances unit* tagħmel rakkomandazzjoni intiża sabiex tirrimedja għall-inġustizzja. Ladarba l-atturi ma ressqux ilment lill-*grievances unit*, mhux magħruf x'kienet ser tkun ir-rakkomandazzjoni.

19. Il-provi juru li l-atturi ma ressqux ilment lil *grievances unit*. Jilmentaw li dan ġara minħabba li ma kinux infurmati b'dak id-dritt li ngħata lill-uffiċjali pubbliċi. Madankollu, minn dak li xehed l-attur Alexander Schembri jirriżulta li fil-korp tal-pulizija kienet tqassmet stqarrija għall-istampa datata 7 ta' Frar 2024 eżebita a fol. 95, li fiha jingħad *"Il-Grievances Units li l-Gvern għadu kemm waqqaf fid-diversi Ministeri tiegħu se jkunu qed jistħarrġu* ***wkoll*** *talbiet dwar allegati inġustizzji mressqa minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi li rtiraw mis-servizz pubbliku"*. Hu veru li t-titlu tal-istqarrija jaqra, *"Grievances Unit għall-impjegati tal-Gvern Irtirati"*. Madankollu, mill-istqarrija hu ċar li l-*unit* ma twaqqfitx biex jiġu investigati biss ilmenti ta' impjegati irtirati. Il-kelma *'wkoll'* hi konferma li dak li jsostnu l-atturi hu żbaljat. Saħansitra, ix-xhud qal li kien fittex iċ-ċirkolari tal-OPM u rriżultalu li l-*unit* twaqqaf għall-membri irtirati mis-servizz pubbliku. Però ċ-ċirkolari ma tgħidx hekk (ara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 412/2017). Għalhekk hu evidenti li kieku riedu l-atturi setgħu ressqu l-ilment quddiem il-*grievances unit*. Il-Qorti qiegħda tgħid dan mhux għaliex hu determinanti għall-aggravju tal-atturi, iżda sabiex tagħmilha ċara x'irriżulta mill-provi.

20. Jibqa' l-fatt li irrispettivament kinux infurmati bl-eżistenza ta' dak ir-rimedju, li kif rajna kien introdott għall-ewwel darba fi Frar 2014 u f'Settembru tal-istess sena ħarġet it-tieni sejħa, mill-provi ma jirriżultax li s-sitt surġenti li f'Mejju 2016 ingħataw il-promozzjoni, ħadu post l-atturi. L-atturi stess fir-rikors tal-appell qalu, kif wara kollox ippremettew ukoll fir-rikors maħluf (ara paragrafu P):

> *"5. Illi t-tieni promozzjoni għall-surġenti maġġuri fil-5 ta' Mejju tas-2016 bħala fatt irrettifikat għal wħud li applikaw in-nuqqasijiet fil-proċess tal-għażla tas-sejħa tal-15 ta' Novembru tas-sena 2013 sabiex issir ġustizzja ma' dawk l-istess persuni li sofrew inġustizzja minħabba nuqqas ta trasparenza ......"*.

21. Kliem li fih innifsu jikkonferma dak li l-Qorti qalet hawn fuq.

22. Fil-kawża l-atturi ilmentaw li l-Kummissarju tal-Pulizija kien iddiskrimina għaliex filwaqt li lil dawk is-sitt uffiċjali tahom il-kariga ta' surġent maġġur sabiex jirrimedja għan-nuqqasijiet li kien hemm fir-rigward tas-sejħa tal-2014, l-atturi baqgħu b'xejn. Il-provi juru li dak li sar kien sempliċement li ġiet addottata r-rakkomandazzjoni tal-*grievances unit* fir-rigward ta' dawk il-pulizija li għamlu ilment. Ovvjament l-atturi ma kinux fl-istess pożizzjoni ta' dawk is-sitta għaliex ma ressqux każ quddiem il-*grievances unit*.

23. Madankollu u f'kull każ, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dwar il-promozzjonijiet li saru fil-5 ta' Mejju 2016, l-atturi kienu *"92..... ġew*

*informati flimkien mal-membri kollha tal-korp permezz ta' ċirkolari mibgħuta fil-5 ta' Mejju 2016".* Fatt li fl-aggravju tal-appell mhuwiex kontestat. Għalhekk kif qalet l-Ewwel Qorti, altru milli kienu għaddew is-sitt xhur li jissemmew fl-Art. 469A(3) tal-Kap. 12, meta l-atturi fetħu l-kawża fit-12 ta' Diċembru 2017.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da